MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1280/2010

**MAP Marine Limited, socjeta' estera registrata fil-Cayman Islands, prezentement rapprezentata minn ricevituri, u rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli u l-Avukat Dottor Tonio Grech**

**vs**

**Dr. Yana Micallef Stafrace u P. L. Luisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' Grand Anemi Limited b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' intimata hija propjetarja tal-bastiment merkantili m.v. GRAND ANEMI, li ghandu n-numru tal-

IMO 8111958, registrat fil-port ta' Valletta hawn Malta bl-istess numru ufficjali, u dana skond Vessel Search Report datat 7 ta' Dicembru 2010 redatt mill-Avukat Dr. Suzanne Shaw hawn anness u mmarkat bhala Dokument “MAP-2”;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata ghall-ammont ta' tlett mija u sebat elef mija u sitta u tmenin Dollari Amerikani u hames centezmi (USD 307,186.05) u dana in segwitu ghal Time Charterparty datat 25 ta' Mejju 2006, flimkien mal-erba' Addenda tieghu, hawn anness u mmarkat bhala Dokument "MAP-3" nraghmul bejn il-partijiet fir-rigward tal-istess bastiment merkantili fuq imsemmi m.v. GRAND ANEMI, u dana skond Final Hire Statement datat 22 ta' Awwissu 2009 hawn anness u mmarkat bhala Dokument, “MAP-4”, oltre imghax u spejjez;

3. Illi diga' gew istitwiti proceduri f’arbitragg gewwa Londra ghal kanonizzazzjoni tal-fuq imsemmija pretensjoni, u dana a bazi ta' klawsola arbitrali kontenuta fl-imsemmi Time Charterparty maghmul bejn il-partijiet, u dana skond in-Notices of Appointment of Arbitrator taz-zewg partijiet hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "MAP-5A" u "MAP5-B”;

4. Illi l-kreditu tas-socjeta' rikorrenti jaqa' taht is-subartikolu (10)(v) ta' l-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili [Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta];

5. Illi a tenur ta' l-imsemmi artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih;

6. Illi r-rappresentanti tas-socjeta' rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta' intimata dwar din il-kwistjoni, anke' waqt il-mori tal-fuq imsemija proceduri arbitrali, izda minghajr success; u partikolarment l-istess rapprezentanti tas-socjeta' intimata naqsu milli jipprovdu garanzija xierqa u adegwata fil-rigward tal-fuq imsemmija pretensjoni rikorrenti;

7. Illi sa fejn taf is-socjeta' rikorrenti l-uniku assi tas-socjeta' intimata huwa l-fuq imsemmi bastiment merkantili m.v. GRAND ANEMI registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta' intimata kellha tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jonkella tikkostitwixxi xi mortgage iehor fuqu, inkluz xi emenda ghall-mortgage ezistenti, il-kreditu tas-socjeta' rikorrenti jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. GRAND ANEMI u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati xi "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tordna kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat l-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez komprizi dawk tar-rikors kongjuntiv li qed jigi ppresentat ghall-hrug ta’ ordni provisorja, kontra s-socjeta' intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet tal-31 ta’ Jannar 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita’ intimata;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-23 ta’ Frar 2011 fejn eccepew hekk:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal quddiem il-Qorti tas-6 ta’ Gunju 2011 fejn Dr. Tonio Grech ghas-socjeta’ attrici talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza billi ma ghandhux provi aktar. Dr. Yana Micallef Stafrace bhala kuratur deputat irrimetiet ruhha. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2011;

Rat l-affidavit ta’ Patrick Henry Britton, solicitor li jirraprezenta MAP Marine Limited fil-proceduri ta’ arbitragg gewwa Londra (Dok. A a fol. 167 tal-process) fejn ikkonferma l-fatti allegati fir-rikors guramentat kif ukoll il-proceduri li ghaddejjin ta’ arbitragg gewwa l-Ingilterra. Is-socjeta’ attrici qed tikkontendi li hi dovuta aktar minn USD300,000 rizultanti minn nuqqasijiet in seguitu ghal Charterparty agreement bejn il-kontendenti kopja tal-istess proceduri arbitrali hi esebita u annessa mal-imsemmi affidavit;

Billi jirrizulta illi din hi pretensjoni fejn is-socjeta’ attrici tista tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih ai termini tal-artikolu 37(10)(v) tal-Kapitolu 234 u s-socjeta’ intimata ma jidhirx li ghamlet ebda garanzija alternattiva biex jaghmel tajjeb ghal pretensjonijiet attrici;

Tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta b’dan li d-drittijiet tal-kuraturi jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------